# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti Istruttorja

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta 27 ta' Ottubru 2020

**Il-Pulizija**

**[Spettur Roderick Agius]**

**vs**

**Duncan Buttigieg**

**Il-Qorti**,

Rat li l-akkuzat, **Duncan Buttigieg** li fil-perijodu li gie akkuzat kellu tnejn u tletin (32) sena, bin Joe Galea u Mary nee' Buttigieg, imwieled il-Pieta', fit-3 ta' Mejju 1983, residenti fil-25, Triq Dun Guzepp Naudi, Hal Ghaxaq, detentur ta' Karta Tal-Identita' numru 244783M, talli:

1. fl-10 ta' Dicembru 2014 u fil-jiem u x-xhur qabel, gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u publikku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza, u dan rigward cekk tal-HSBC.

2. U talli fid-19 ta' Novembru 2014 u fil-jiem fil-jiem u x-xhur qabel, gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u publikku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza, u dan rigward cekk tal-HSBC.

3. U talli fid-19 ta' Novembru 2014 u fil-jiem fil-jiem u x-xhur qabel, gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u publikku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza, u dan rigward cekk tal-HSBC.

4. Kif ukoll talli fl-10 ta' Dicembru u fil-jiem u x-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera hag' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika ghamel qligh li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Oliver Agius u/jew persuni ohra.

5. Kif ukoll talli fl-19 ta' Novembru u fil-jiem u x-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera hag' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika ghamel qligh li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Malcolm Galdes u/jew persuni ohra.

6. Kif ukoll talli fl-21 ta' Novembru u fil-jiem u x-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera hag' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika ghamel qligh li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Malcolm Galdes u/jew persuni ohra.

7. U aktar talli b'hekk sar recidiv a termini ta' Artikoli 49 u 50 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz b'mod partikolari l-Pre-Sentencing Report ipprezentat mis-Senior Probation Officer Carmen Nygaard nhar il-21 ta' Gunju 2017 [a fol. 91] u r-Rapport ta' Aggornament ipprezentat mis-Senior Probation Officer Carmen Nygaard fit-22 ta' April 2019 [a fol. 147];

Rat il-verbal a fol. 83 u l-ezami tal-Imputat [a fol. 84] fejn waqt is-seduta tal-14 ta' Marzu 2017 lill-istess Imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu wara li din il-Qorti diversament ippresjeduta, kienet accertat ruhha li l-ammissjoni tal-imputat kienet wahda volontarja u irrevokabbli.

IKKUNSIDRAT:

Il-Qorti, ghalhekk, in vista ta' din l-ammissjoni waqt is-seduta tal-14 ta' Marzu 2017, ammissjoni pjena u inekwivokabbli li tinsab fl-ezami tal-istess Imputat [ara verbal, a fol 83 u 84] l-akkuzi jirrizultawlha ppruvati, u ma tistax ma ssibx lill-Imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti qieset l-ammissjoni bikrija ta' l-Imputat. Izda, din l-istess Qorti kienet giet infurmata mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru 2019 li l-Imputat kien naqas

li jaghmel il-hlas dovut lura lill-parte civili minkejja li kien gie mheggeg jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-parte civile.  Ma tistax tinjora li l-Imputat ghandu fedina penali li tixbah volum ta' ktieb.

Il-Qorti rat ukoll ir-rakkomandazzjonijjiet Pre-Sentencing Report u l-Aggornament tieghu ipprezentati nhar il-21 ta' Gunju 2017 u t-22 ta' April 2019 rispettivament.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 183 u 308 tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) rigward akkuzi kollha, fuq ammissjoni, issib lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha u tikkundanna lill-istess Imputat  ghal sentejn habs effettivi.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**